MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 54/2006

**Fabio Grima**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrenti fejn gie premess:-

Illi huwa kien ipprezenta appell fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn sentenza li sabitu hati talli halla li tifla taht is-sittax-il sena tidhol f'hanut ta' l-inbid, birra u xorb

spirituz. Ir-rikorrent kien mixli talli fit-12 ta' Novembru 2005, bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenza tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' Vertigo, fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:

1. halla li tfal taht is-sittax-il sena jidhlu fil-hanut;
2. zamm il-hanut miftuh minghajr licenza ta' l-awtorita' kompetenti; u
3. bidel l-isem tal-hanut minn Sinners in Heaven ghal Vertigo minghajr licenza ta' l-awtorita' kompetenti;

Illi b' sentenza moghtija fid-9 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet illi l-appellant ma kienx hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u helsitu minnhom, u, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(2) u (4) tar-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (L.S. 10.40) u l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali, sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni, ikkundannatu ghal multa ta mitt lira (Lm100) u ordnat is-sospensjoni tal-licenza fuq il-fond ghal tliet xhur;

Illi b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Marzu 2006 l-appellant talab illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fejn helsitu mit-tieni u t-tielet akkuzi, u thassarha fejn sabitu hati ta' l-ewwel akkuza;

Illi fl-appell tieghu l-aggravji tar-rikorrent kienu dawn:

1. meta sehh l-inhident li tieghu nstab hati, fit-12 ta' Novembru 2005, hu la kellu fuqu l-licenza tal-hanut u lanqas ma kien substitute;

2. ma giex stabilit b'mod definittiv l-eta tat-tfajla li nstabet fil-hanut, u ghalhekk ma saritx prova li fil-post kien hemm persuna taht is-sittax-il sena; u

3. il-piena ta' skwalifika ghal tliet xhur hija iebsa wisq;

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat ir-regolamenti 6(1)(2) u (4) tar-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni

f'Lokalitajiet ta' Divertiment (L.S. 10.40), li tahthom nstab hati r-rikorrent, li jipprovdu hekk:

6(1) Persuni taht l-eta ta' sittax-il sena ma ghandhornx jithallew jidhlu gewwa lokalita' ta' divertiment, u zghazagh li jkollhorn iktar minn sittax-il sena ghandhorn qabel ma jidhlu f'dik il-lokalita' johorgu u juru l-karta ta' l-identità taghhom lill-proprjetarju;
6(2) Il-proprjetarju jkun responsabbli li jizgura li ebda persuna taht l-eta ta' sittax-il sena ma tidhol f'lokalità ta' divertiment;
6(4) Meta tinsab xi persuna li ma tkunx ghalqet is-sittax-il sena f'lokalità ta' divertiment, il-proprjetarju tal-lokalità ta' divertiment ikun hati ta' reat u, meta jinsab hati, jehel il-piena ta' multa ta' mitt lira ghal kull tali persuna b'zieda mal-piena li huwa jista' jehel taht ir-regolament 15 ta' dawn ir-Regolamenti;

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali korretament iddecidiet li l-ewwel u t-tieni aggravji tar-rikorrent mhumiex legalment korretti;

Illi l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali semmiet li l-aggravju huwa dwar il-piena ta' skwalifika u din inghatat taht l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminaili:

30(1) Minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli zzomm jew tikseb xi warrant, licenza, permess jew awtoritá ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita pubbiika ohra, meta xi persuna, sew bhala awtur jew komplici, tigi dikjarata hatja ta' reat kriminali li jkun sar -

(a) fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun inhareg jew jista' jinhareg f'isimha xi warrant, licenza, permess jew awtorita' mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra;
(b) … … …il-qorti tista', barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet hatja kif intqal qabel ghal xi piena mahsuba milli jigi ghar-reat, tordna li din tkun skwalifikata

milli jkollha jew tikseb, ghal dak iz-zmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, licenza, permess jew awtorita';

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ddecidiet illi, meta tqis illi r-rikorrent kien ghadu fil-bidu tat-tmexxija tieghu tal-hanut, tant illi l-procedura biex tinqaleb il-licenza kienet ghadha ma gietx finalizzata, 'forsi huwa il-kaz illi turi klemenza dwar il-piena ta' skwalifika. Ghalhekk sejra tnaqqas iz-zmien ta' skwalifika minn tliet xhur ghal xahar millum';

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, 'filwaqt illi twettaq is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuzi, sabitu hati ta' l-ewwel akkuza u ikkundannatu ghal multa ta' mitt lira (Lm100), thassarha fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenza ta' l-appellant ghal tliet xhur u minflok tordna li l-appellant ikun skwalifikat ghal xahar milli jkollu licenza fuq il-fond fejn sar ir-reat;

Tordna wkoll illi tintbaghat kopja ta din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodici Kriminali';

Illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 - Konvenzzjoni Ewropea - gew lezi, u dan minhabba r-ragunijiet li gejjin:

Lex specialis derogat lex generalis

Illi kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali issospendew il-licenzja ta' l-imputat billi dawn citaw l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9. Illi bir-rispett dovut, kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali injoraw ghal kollox l-artikolu l-artikolu 15(a) u (c) tar-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f' Lokalitajiet ta' Divertiment (L.S. 10.40). Dan jipprovdi hekk:

(1) Fil-kaz ta' reati maghmulin minn proprjetarju jew l-impjegati tieghu kontra dawn ir-Regolamenti, il-qorti ghandha meta ssib persuna hekk hatja twahhal multa ta' mhux anqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn erba'

mitt lira, u fil-kaz li jerga’ jinsab hati ghat-tieni darba jew iktar, multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira izda mhux izjed minn elf lira, bla hsara ghad disposizzjonijiet tas-sub-regolament (2) ta’ dan ir-regolament;

(3) Fil-kaz tat-tieni reat jew reat iehor sussegwenti bi ksur ta’ dawn ir-Regolamenti, li ma jkunx reat bi ksur tar-regolament 9, il-qorti ghandha fuq talba tal-prosekuzzjoni tissospendi l-licenza relattiva ghal zmien ta’ mhux anqas minn xahar izda mhux aktar minn tnax-il xahar;

Illi ghaldaqstant, a bazi tal-principju lex specialis derogat lex generalis, il-Qorti kellha timxi fuq dak li hemm provdut fl-artikolu 15 (LS 10.40) u mhux dak provdut fl-artikolu 30 tal-Kapitolu 9. Fil-fatt, l-artikol 30 tal-Kapitolu 9 jibda hekk:

30(1) <u>Minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra</u> li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni …………………..

Propju dan l-artiklu jibda hekk minhabba li l-legislatur kien car li dan l-istess artikolu huwa minghajr pregudizzju ghal dispozizzjonijiet ohra li jirregolaw tali sitwazzjonijiet. Li kieku l-legislatur ried li l-Art. 30 tal-Kap. 9 jiprevali fuq kull ligi ohra, il-legislatur kien juza, bhal ma gieli ghamel, il-kliem ‘minkejja kull haga li tinsab fl-artikoli ta’ qabel ‘ jew ‘minkejja d-disposizzjonqiet ta’ kull ligi ohra’;

Illi ghalhekk il-Qorti applikat ligi flok ohra, specifikament ligi li kellha tigi applikata fit-tali cirkostanzi. Fil-fatt, il-Qorti citat ir-regolament 6(1)(2) u (4) tar-Regolamenti biex jinzamm il-Bon Ordni f’ Lokalitajiet ta’ Divertiment, izda ghal xi raguni mhux l-artikolu 15;

Licenzja tigi sospiza wara t-tieni reat <u>fuq</u> talba tal-Prosekuzzjoni

Illi minbarra dan kollu, l-artikolu 15(3) jispecifika li huwa biss fil-kaz tat-tieni reat li l-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni tissospendi l-licenzja;

(3) Fil-kaz tat-tieni reat jew reat iehor sussegwenti bi ksur ta' dawn ir-Regolamenti, li ma jkunx reat bi ksur tar-regolament 9, il-qorti ghandha fuq talba tal-prosekuzzjoni tissospendi l-licenza relattiva ghal zmien ta' mhux anqas minn xahar izda mhux aktar minn tnax-il xahar;

Illi fil-kaz odjern, dan huwa l-ewwel reat, u minbarra dan ma kien hemm l-ebda talba mil-prosekuzzjoni sabiex il-licenzja tigi sospiza. Dan ifisser li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoli il-Qorti ta' l-Appell Kriminaili ma setghaw qatt jissospendu l-licenzja tar-rikorrent;

Illi s-sospensjoni tal-licenzja mhix penali zghira peress li tfisser falliment ghar-rikorrent specjaiment jekk wiehed jikkonsidra l-kirjiet tal-fond li jammontaw ghal bosta eluf ta' liri kif ukoll il-flejjes kbar konsistenti f'pagi ta' l-impjegati li jkollhom jithallsu;

Ghalhekk ir-rikorrent talab li din l-Qorti:

• tordna s-sospenssjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Settembru 2006 tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

• minhabba l-ksur ta' drittijiet fundamentali dik il-parti tas-sentenza tat-23 ta' Settembru 2006 tal-Qorti ta' l-Appeii Kriminali li iddecidiet li l-licenzja tar-rikorent ghanda tigi sospiza m'ghandhiex ikollha effett;

Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie sottomess:

**1. Rimedju ordinarju**

Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti ghanda tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-provisio tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 u tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li r-rikorrenti m' ezawriex ir-rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu;

**2. Ebda ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali applikaw il-ligi b' mod korrett meta ttrattaw l-akkuzi migjubgha quddiema. Illi ghaldaqstant, l-allegazzjonijiet migjubgha mir-rikorrent fir-rikors odjern, ma jammontawx ghal ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, kif sancit taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, dina l-Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu;

Semghet lir-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li r-rikorrenti kien instab hati, fi proceduri ta' natura kriminali, talli fit-12 ta' Novembru 2005 bhala l-persuna, li f'ismu ghandu l-licenza tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' Vertigo, fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan halla tifla ta taht is-sittax il-sena tidhol fl-imsemmi hanut. Ir-rikorrenti kien gie hekk misjub hati b'sentenzi kemm tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali. L-esitu ta' dawn il-proceduri kien li r-rikorrenti gie kkundannat ihallas multa u inoltre l-licenzja relattiva tieghu giet skwalifikata ghal xahar;

Skond ir-rikorrenti bl-imsemmija proceduri kriminali, b'mod partikolari bid-decizjoni li tigi sospiza l-licenzja tieghu ghal certu periodu, gew lesi d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 (Konvenzzjoni Ewropea). Il-bazi principali tal-lanjanzi tar-rikorrenti hi li gie applikat artikolu tal-ligi u cioe tal-Kodici

Kriminali, li in effett, dejjem skond ir-rikorrenti, ma kienx applikabbli ghal proceduri kriminali imsemmija. Skond ir-rikorrenti gie applikat l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali mentri gew injorati ghal kollox ir-regolamenti 15(a) u (c) u 15(3) tar-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment (L.S. 10.40);

Dejjem skond ir-rikorrenti huma dawn ir-regolamenti li misshom gew applikati u dana anke in vista tal-principju li "lex specialis derogat lex generalis." Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti talab li tigi ordnata s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u li minhabba li kien hemm ksur ta' drittijiet fundamentali tigi sospiza u tigi minghajr effett dik il-parti tal-imsemmija sentenza fejn gie deciz li l-licenzja tar-rikorent tigi sospiza;

Da parti taghhom l-intimati rrispondew preliminarjament li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors, stante li ma gewx esauriti, da parti tar-rikorrenti, r-rimedji ordinarji kollha li kienu ghad-disposizzjoni tieghu. Inoltre ma kienx hemm ksur tal-artikoli indikati mir-rikorrenti stante li l-ligi fil-proceduri kriminali kollha giet applikata b'mod korrett;

Ic-citati artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, t-tnejn jipprovdu li persuna li tkun akkuzat b'reat kriminali ghandha tinghata smigh xieraq, fi zmien ragonevoli, minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. Ir-rikorrenti jsostni li hu ma nghatx smiegh xieraq stante li fl-ghoti tal-piena, b'mod partikolari s-sospensjoni tal-licenzja, gie applikat artikolu tal-ligi li ma kienx applikabbli;

Il-Qorti ma tistax tifhem ghal liema proceduri qed jirreferu l-intimati fl-eccezzjoni preliminari taghhom, li hi fis-sens li r-rikorrenti ma esawrix r-rimedji ordinarji kollha qabel ma istitwixxa l-presenti proceduri. Ir-rikorrenti ghadda mill-istadji kollha relattivi ghal proceduri kriminali. Huwa appella mill-ewwel sentenza u l-Qorti tal-Appell tat id-decizjoni taghha. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hi definittiva fil-konfront tar-rikorrenti u f'dan ir-rigward ma

hemmx proceduri ohra li jistghu jittiehdu. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intimati qed tigi michuda;

Dwar il-mertu, r-rikors promutur, tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, jixbah hafna appell mill-immsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti m'ghandiex il-funzjoni ta' Qorti tal-Appell ulterjuri. Il-funzjoni ta' din il-Qorti, fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, hi li tesamina u tiddeciedi lanjanzi li sehhet lezjoni tad-dritijiet fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti. Jekk jirrizulta tali ksur il-Qorti ghandha tghati lir-rikorrenti rimedju li hi jidhirla xieraq. In effett dawn il-proceduri jistghu jitqiesu bhala appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali anke in vista tat-talbiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma talabx b'mod specifiku li jigi dikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali u ma talabx, li jekk jirrizulta tali ksur, li jinghata rimedju xieraq skond kif jidhirla l-Qorti. Ir-rikorrenti lanqas illimita ruhu li jissuggerixxi x'jista jkun tali rimedju izda talab mill-ewwel dak li jidhirlu hu li huwa rimedju xieraq;

Fi kwalunkwe kaz zgur li ma jirrizultax li r-rikorrenti ma nghatax smiegh xieraq fil-proceduri kriminali in kwestjoni. Bl-ebda mod ma jirrizulta li fil-kors tal-proceduri gew lezi xi drittijiet fubdamentali tar-rikorrenti. Jinghad ukoll li anke jekk kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, din, fl-opinjoni tal-Qorti, ma tammontax ghal lezjoni tad-drittijiet fundamentali ta' minn issubixxa proceduri kriminali. Fil-kaz partikolari ma jirrizultax li l-ligi giet applikata hazin. Il-qorti kompetenti kellha kull dritt, li jekk hekk dehirlha, tapplika ghal kaz in esami, l-imsemmi artikolu tal-Kodici Krimnali;

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------